

Brussell, 20 ta' April 2018  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0099 (NLE)**

---

---

**8186/18  
ADD 1**

**AELE 16  
EEE 11  
N 12  
ISL 13  
FL 12  
MI 275  
BUDGET 3  
FIN 328**

## **PROPOSTA**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' April 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 204 final - ANNEX I
Suġġett:	ANNEX ta' [...] Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda fil-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Linja Baġitarja 12.02.01 Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq uniku għas-servizzi finanzjarji)

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 204 final - ANNEX I.

---

Mehmuż: COM(2018) 204 final - ANNEX I



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 19.4.2018  
COM(2018) 204 final

ANNEX

**ANNEX**

**ta' [...]**

**Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat  
Konġunt taż-ŻEE rigward emenda fil-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-  
kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet  
(Linja Baġitarja 12.02.01 Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq uniku għas-servizzi  
finanzjarji)**

## ANNEX

### **DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2018 ta' Protokoll emendatorju 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE fl-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-suq uniku għal servizzi finanzjarji.
- (2) Għalhekk, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tidda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2018,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *l-Artikolu 1*

Fl-Artikolu 7(11) tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, il-kliem “u 2017” jiġi sostitwiti bil-kliem “, 2017 u 2018”.

#### *l-Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE\*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

#### *l-Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE  
Il-President*

*Is-Segretarji  
tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE*

---

\* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]